## *Daħla – Iż-Żerriegħa tal-Mibegħda*

Kienu ġabuh dahru mal-ħajt. Daħak, għax fil-veru sens tal-kelma, kien jinsab bilqiegħda mal-art, dahru ma' blata kiesħa. Fuq ħoġru kellu ħatar iswed qasir, b'ras tonda. Idejh imċappsa bid-demm, mhux minn tiegħu, iżda minn ta' sid il-ħatar. Ħwejġu kienu mċarrtin, kien migruf minn fuq s'isfel, il-kaxxa ta' sidru tuġgħu bid-daqqiet li kien qala' fil-ġlieda. Kellu siequ l-leminija misluħa u taħarqu kull darba li l-għaraq beda jaqa' fil-ġerħa.

"Ġejjin mgħallem!" għajjat Damjan li kien bilwieqfa ftit passi 'l bogħod, jittawwal lejn l-għelieqi ta' taħthom. Kuġinuh, Sa-marin, kien bilqiegħda fuq blata oħra faċċata tagħhom, dahru lejhom u jħares in-naħa l-oħra. *Kulma huma iżgħar minni ftit snin, u xorta jsejħuli mgħallem. Imma żgur iżgħar? Kienu ħafna ikbar!*

Daħħal idu fil-but tal-ġlekk skur li kien liebes, u ħareġ mazz karti, imqattgħin minn naħa waħda. Kienu digà mċappsin sew

bid-demm, għax kien ilu triq sħiħa jdaħħal idu fil-but biex ikun żgur li għadhom hemm. Ħares lejhom u tbissem. Kull karta kienet miksija b'kitba rqiqa sabiħa, isem wara isem, wieħed wara l-ieħor. Tewa l-karti f'erbgħa u deffishom fiż-żarbuna. Issa li kien irnexxielu jakkwistahom, kien se jagħmel li jista' biex ma jitlifhomx. *Min jaf kemm se jinkorla la jsib il-paġni mqattgħin! Ħallih ħa jinkorla. Iċ-ċuċata li ma stajtx nisraq il-ktejjeb sħiħ. U kieku qgħadt iżjed attent, kien ikolli l-imfietaħ ukoll! Nirraħ …*

Issa kellu l-ħatar x'jieħu ħsieb.

"Ersaq 'l hawn Damjan." It-tifel, boċċu boċċu, b'wiċċu mfaqqa', ruxxan mill-ġiri kollu li kienu ġrew, resaq maġenbu u l-Anġlu nġibed miegħu u qam bilwieqfa. Kien għajjien. Kien ilhom sitt sigħat jiġru bla waqfien, u issa kien ilhom ma jorqdu jumejn.

Ħall iċ-ċinturin u fetaħ il-buttuna tal-qalziet. Daħħal il-ħatar fil-qalza maġenb siequ l-leminija, u reġa' qafel kollox. Imbagħad ħareġ maktur mimli demm mill-but u qattgħu fi tliet biċċiet u rabathom ma' siequ. Mexa żewġ passi biex jara kif iħossu. Min jarah jgħid li weġġa' siequ u ma jistax jimxi sew fuqha.

"Reskin mgħallem!" reġa' sejjaħ Damjan, li kien reġa' ħa postu jħares 'l isfel. "X'ħa nagħmlu?"

"Ma nistgħux naħarbu iżjed. Ħallihom jaqbduna." Iż-żewġt itfal daru jħarsu lejh b'għajnejhom mimlija biża'. "Tinkwetawx," qalilhom bi tbissima, iżda ma tantx kien ta' sabar, lanqas għalih innifsu. Kien jaf x'se jagħmlulhom; dawn in-nies ma kellhom stonku joqtlu lil ħadd. Jista' jkun li lit-tfal jeħduhomlu, jżommuhom hemm, iżda lilu jibagħtuh lura żgur. Dakinhar stess. Ħamsa u għoxrin kienu wisq għalihom it-tlieta. Ma kienx

jiddubita miż-żewġt itfal - kienu wrewh diġà xi jsarrfu - iżda mhux kontra ħamsa u għoxrin f'daqqa. *Issa nħallihom jaqbduni, x'aktarx jagħmluli xi diskursata oħra dawk il-qatta boloħ tal-Kunsill tad-Disgħa … tat-Tmienja issa! … u jitfgħuni 'l barra.*

Ix-xemx kienet għadha kif niżlet xi ftit waqtiet qabel u x-xefaq kien għadu mtebba' ħamrani. Kienu jinsabu fuq Ras il-Pellegrin, moħbija bejn erba' blatiet kbar weqfin, donnhom snien ippuntati telgħin 'il fuq lejn is-sema. Ma kellhomx fejn jaħarbu iżjed.

"Damjan, Sa-marin, isimgħuni. M'għandniex ċans kontrihom illum. Ħalluhom jiġu. Jasal iż-żmien meta nkunu aktar lesti, u nieħdu lura dak li hu tagħna. Issa agħtuni daqqa t'id, żommuni ħalli nagħmel tabirruħi li ma nistax nimxi sew, b'hekk ma jiħdulix dak li ġġilidt għalih."

Damjan u Sa-marin resqu qribu, wieħed kull naħa, u straħ magħhom, imbagħad baqgħu jistennew hemm.

F'daqqa waħda ħass leħen f'moħħu, leħen li kien sar jagħraf u jistmerr. *'Oħroġ minn hemm! Nafu fejn kiegħed tinħeba, m'għandekx fejn taħrab iżjed. Xerridt id-demm fejn katt ma nxtered, żrajt il-mibegħda fejn kien hemm biss imħabba, skejtna l-għira u dewwaktna l-ħażen. Oħroġ ja assassin.'*

Ftit wara, leħen oħxon u qawwi nstema' jidwi mal-blat tal-Ġnejna minn taħthom. "Il-ħin tagħkom wasal. Oħorġu fil-beraħ."

Mikiel taptap tnejn fuq spallet it-tfal. "Imxu," u t-tlieta li huma ħarġu minn wara l-blata wieqfa li kienet qed taħbihom. Waqfu hemm jistennew.

Mingħajr ma ntqalet kelma oħra, il-ħamsa u għoxrin għassies

daru dawra mejt magħhom u bla kliem u bla sliem ġagħluhom jimxu 'l isfel lejn il-wied, minn fejn bdew telgħin bil-mod il-mod lejn Wied is-Santi. Baqgħu mexjin għalkemm kien beda jidlam, b'Mikiel miexi bejn Damjan u Sa-marin izappap. Il-qamar tela' nofsu mixgħul, nofsu mudlam, u fid-dawl fiddien tiegħu imxew fis-skiet lejn Ħaġar Qim.

L-għassiesa waqfu meta waslu fuq barra tal-maqdes, imbagħad ħamsa minnhom daħħlu lil Mikiel ġewwa ċirku tal-ġebel impoġġi fl-art, u kif telquh waqa' għarkupptejh fin-nofs taċ-ċirku, maġenb ġebla wieqfa b'ħames toqbiet ġo fiha. Iż-żewġt itfal ħarbu minn idejn l-għassiesa l-oħra li kienu waqfu barra u daħlu fiċ-ċirku maġenbu.

"Damjan, Sa-Marin, ejjew lura. Dik mhux il-ħajja li tridu!" għajjat Abram. Iżda t-tfal kulma għamlu xenglu tnejn rashom, imbagħad poġġew idejhom fuq spallet Mikiel, biex juruhom x'fi ħsiebhom jagħmlu.

Ix-Xiħ mexa lejn il-Bieb u daħħal il-muftieħ f'postu. Minnufih kull ġebla taċ-ċirku bdiet tiddi lewn il-qamar. Ix-Xiħ mexa lura u wieħed mill-għassiesa li kien hemm ġewwa ċ-ċirku dawwar il-muftieħ. Dawl qawwi feġġ quddiemhom mis-smewwiet.

Ix-Xiħ ħares lejn Mikiel u ż-żewġ subien. "Morru u terġgħux tiġu 'l hawn."

## *Kapitlu Wieħed – B'Riħ jew b'Rieħnu*

Kienet għadha kif bdiet il-ħarifa, u wara s-sħana tas-sajf, l-ajru kien beda jiffriska xi ftit. Xon qam kmieni bħas-soltu biex jilħaq jibred ftit qabel imur bil-mixi mir-razzett tan-nannu sad-dar t'ommu biex jieħu l-kolazzjon minn hemm qabel jitlaq lejn l-iskola.

Kif kien jagħmel kull filgħodu malli jqum, mar fil-kċina u qabbad l-ispiritiera tal-pitrolju, poġġa l-istanjata fuqha biex jagħmel naqra te għalih u għan-nannu, u sakemm tisħon mar jilbes ħwejġu biex ikun bil-lest. Nannuh ma riedx jaf la b'elettriku u lanqas gass. Kien dejjem inqeda bl-ispiritiera u biha kien jaħlef. Kien daħħal it-telefown fuq l-insistenza ta' Ġillu, missier Xon, għax li kien għalih lanqas dak ma ried.

Xħin l-istanjata għaliet, ferra' ġol-kikkri li kien ħareġ fuq il-bank maġenbu, imbagħad mar ipoġġi t-te ta' nannuh fuq il-komodina ħdejn is-sodda. In-nannu kien għadu taħt il-friex,

b'rasu mgħottija għal kollox kif kien iħobb jorqod, imma kif ħass lin-neputi sejjaħlu ħdejh.

"Xon," qallu b'leħen iħarħar, "xejn ma nħossni tajjeb dalgħodu, qisu qed inbati biex nieħu n-nifs. Iġri, ċempel lil missierek ħalli jġibli t-tabib".

Xon inħasad u f'sekonda għaddew elf ħsieb minn moħħu. Ma kienx jaf x'se jaqbad jagħmel, għalhekk, imbikkem, għamel kif qallu nannuh u mar fil-kamra ta' barra biex iċempel lil missieru. Ġillu kien joqgħod daqs kwarta mixi 'l bogħod, fl-istess raħal, u ma damx ma tfaċċa. Miegħu ġiet ukoll Marija, omm Xon. Ftit wara daħal it-tabib tal-familja mgħobbi b'bagalja mqaddma. Mar dritt ħdejn Salvu u filwaqt li beda jistaqsih x'kien qed iħoss, x'kien kiel u elf mistoqsija oħra, beda jinvistah. Dam ftit mhux ħażin għaddej. Ħadlu l-pressjoni, ralu għajnejh, sidru, issemma' qalb ix-xwejjaħ għal ħin twil. Fl-aħħar qam minn ħdejh.

"Salv, int mhux għal hawn. Aħjar tmur l-isptar." U baqgħu jħarsu f'għajnejn xulxin, donnu minbarra dak il-kliem li ntqal kien hemm diskors ieħor għaddej bejniethom fis-skiet tal-ħars.

Ġillu poġġa jdejh fuq spallet Xon. "Isa ibni, tinkwetax. Ejja ħa nieħdu ħsiebu."

Bi tbatija qajmuh mis-sodda u għenuh jilbes. Ma qalx kelma waħda. Ġillu għen lix-xiħ jimxi sal-bieb, u qabel ħareġ Salvu waqaf, ħares ħarsa madwaru, imbagħad bies idejh u għamilha mar-ritratt ta' Karmelina, in-nanna ta' Xon. Donnu ma kienx beħsiebu jerġa' lura.

Xon sakkar warajhom imbagħad mar jgħin lil missieru sakemm tellgħu lin-nannu ġol-karozza. It-triq sal-isptar għaddiet malajr, mingħajr ma ħadd lissen kelma li hi kelma. Xon beda jinkwieta.

Qatt ma kien ra lil nannuh ibati, lanqas darba. Għalkemm Salvu kien jgħodd ħamsa u disgħin, kien għadu żvelt u fuq ruħu sew. Lanqas riħ qatt ma jiftakar li kellu. Kien juża l-ħatar għax bi tbissima kien jgħid li kull xiħ li jaqbeż it-tmenin għandu bi dritt ikollu l-ħatar tiegħu.

Daħħluh l-isptar, u Salvu spiċċa ġo kamra waħdu. Donnu mat-triq kien mar għall-agħar, għax sakemm waslu kellu nifs batut għall-aħħar, iħarħar ikrah, u anke biex iċaqlaq rasu beda jagħmel sforzi kbar. It-tobba ġibdu lil missier Xon fil-ġenb u bdew ikellmuh minn taħt l-ilsien. Sadanittant Xon baqa' l-ħin kollu maġenb nannuh, iżommlu idu u jipprova jagħmel sens minn dak kollu li kien qiegħed jiġri.

Xħin telqu t-tobba, Salvu għamel sinjal lil missier u omm Xon. "Oħorġu ftit, ħalluni ħames minuti waħdi ma' Xon," qalilhom.

Ġillu taptaplu tnejn fuq spalltu, u donnhom b'għajnejhom tkellmu, imbagħad Ġillu u Marija ħarġu 'l barra mill-kamra. Kif sabu ruħhom waħidhom, Salvu beda jitkellem. "Tinkwieta xejn Xon. Iċ-ċens tiegħi jagħlaq illum, imma ma jfissirx li m'aħna se nerġgħu niltaqgħu qatt. Il-mewt mhux it-tmiem. M'hemmx tmiem. B'riħ jew riefnu, minn hawn irridu nsiefru. Naf li l-firda kiefra, imma żommni f'moħħok u f'qalbek u ma nitilfu lil xulxin qatt."

Waqt li kien qiegħed jgħid dan, neħħa l-ħatem taż-żwieġ minn idu x-xellugija u qiegħdu fil-pala ta' id Xon, imbagħad għalaqhielu. Bi tbissima qallu, "Żomm dan b'tifkira tiegħi, hekk jew b'hekk, fejn sejjer issa mhux ħa jkolli bżonnu. Dak kien dejjem sinjal tal-imħabba tiegħi u ta' nanntek, issa qiegħed ngħaddih lilek għax int ukoll frott dik l-imħabba."

Xon ma felaħx jgħid kelma. Għajnejh kienu mimlija dmugħ u kellu għoqda kbira fi griżmejh u bard fl-istonku. Kien jaf li xejn u ħadd mhuwa għal dejjem, kif kien diġà tgħallem meta kien ħafna iżgħar u tilef lil nanntu, lill-mara ta' Salvu. Iżda minkejja dan, qatt ma basar li għad irid jasal iż-żmien li jinfired minn nannuh ukoll. Ma kienx lest għal dak il-waqt.

"Issa Xon, ftakar f'dak il-ġugarell li konna għamilna flimkien. Tiftakru?" Bl-amment Xon għamel mossa b'rasu li jiftakru. "Sewwa," issokta nannuh, "dak il-ġugarell għożżu u ħudu d-dar miegħek ħalli jibqa' tifkira. U ftakar, liema hu l-isbaħ qamar?"

Din dejjem kien iħobb jistaqsihielu n-nannu. Kienet biċċa minn storja li Salvu kien iħobb jirrakkonta u li Xon kien jissaħħar jisma'.

"It-tielet qamar," wieġbu Xon b'leħnu miksur.

In-nannu daħak, għajnejh ileqqu bil-ferħ. "Ibqa' ftakar," qallu, imbagħad għafaslu jdejh, dar wiċċu 'l fuq, ħa nifs kbir u għalaq għajnejh għal dejjem.

Dawk kienu l-aħħar kelmiet li Xon qatt sema' minn fomm nannuh. It-tifel baqa' hemm, bilwieqfa ħdejn is-sodda tax-xwejjaħ, fis-skiet. Għajnejh mimlijin dmugħ, dieqa kbira f'qalbu. Kien qiegħed iħoss telfa kbira.

Ftit wara daħlu missieru u ommu. Ġillu mar ħdejn is-sodda n-naħa l-oħra ta' Xon u ħares lejn wiċċ Salvu, issa kalm donnu rieqed. Induna li kien miet, iżda ma bekiex. Anzi, tbissem, u f'dak il-waqt Xon fehem li missieru kien bħal donnu jaf x'se jiġri.

"Issa n-nannu qiegħed fil-post fejn dejjem xtaq imur. Ruħu qiegħda mistrieħa."

❖

Dak il-lejl Xon m'għalaqx għajn m'għajn. Baqa' l-ħin kollu jaħseb f'nannuh, jiftakar f'dik l-aħħar taħdita tagħhom, jhewden f'kemm kien ħalla d-dinja f'salt u f'kemm kien hemm bċejjeċ li ma laħaqx qallu. Għamel il-lejl kollu jħares mit-tieqa tal-kamra tiegħu, il-kamra li kellu d-dar t'ommu, iħares lejn il-qamar li dakinhar kien kwinta. Salvu kien iħobbu wisq, u donnu bħala sinjal, dakinhar kien qamar mill-isbaħ.

## *Kapitlu Tnejn – L-Anġlu*

Jumejn wara sar il-funeral, jumejn li donnhom ma riedu jgħaddu qatt. L-għada li miet Salvu, it-temp kien tħassar sew u l-ajru beda jtella' sħab oħxon iswed mimli wegħdiet ta' xita u tal-ewwel maltempata wara sajf sħun.

Xon daħal il-knisja mal-familja tiegħu. Hu u dieħel ra li diġà kien hemm sħabu bilqiegħda hemmhekk, fl-aħħar bank. Marku u Riku, l-aqwa żewġt iħbieb li kellu. Ħa gost jarahom hemm. It-tnejn li huma għamlulu sinjal b'rashom, bħal riedu jfissru, 'aħna miegħek'.

Baqa' tiela' 'l quddiem u poġġa fuq bank maġenb it-tebut tan-nannu. Għalkemm din iċ-ċerimonja kienet se tkun l-aħħar tislima, Xon ma kienx qed jibki. Il-firda kien għadu qed iħossha u l-uġigħ f'qalbu kien kbir, iżda l-kliem ta' nannuh kien daħal sew f'moħħu - '… b'riħ jew b'riefnu'. Aċċetta l-mewt ta'

nannuh kif nannuh żgur li xtaqu jagħmel. Qagħad bilqiegħda hemmhekk fis-skiet u fil-ħemda, jistenna, jaħseb u jġib quddiem għajnejh tifkiriet sbieħ li kellu ta' nannuh, l-istejjer li kien jirrakkontalu, dejjem jidħak u dejjem isib xi ħaġa taż-żufjett, f'kull sitwazzjoni.

Ix-xita bdiet itteктek mal-ħġieġ tal-koppla. Il-ħoss tar-riħ ivenven, ir-ragħad ikarwat fil-bogħod, u dik id-daqqa monotona tal-qanpiena kienu kollha jkomplu jżidu s-swied ta' qalb ta' Xon. '…wara l-maltemp jiġi l-bnazzi' kien iħobb jgħid in-nannu f'waqtiet bħal dawk.

F'dik in-nofs ħemda stramba tal-knisja, miksura biss mill-ħsejjes tan-natura u minn xi tqaħqiħa kultant, instemgħu sew il-passi mkarkrin ta' xi ħadd, flimkien ma' ċekċika bħal ta' ħatar itektek fuq l-art tal-irħam kiesaħ tal-knisja. Dar iħares lura u lemaħ raġel xiħ, mgħawweġ 'il quddiem iserraħ ma' ħatar lewn id-dlam, liebes l-iswed minn rasu sa saqajh.

Dan ir-raġel baqa' tiela' tul il-korsija kollha sakemm wasal sat-tebut. Miegħu kienu daħlu wkoll żewġt irġiel goffi li baqgħu lura jistennew mal-bieb. Kienu lebsin l-iswed ukoll.

Ix-xwejjaħ waqaf jiċċassa lejn it-tebut u lissen xi ħaġa minn taħt l-ilsien, imbagħad dar f'salt u ħares lejn Xon. Tbissimlu tbissima li ma missitx l-għajnejn, u wara ftit reġa' mar lura minn fejn ġie. Xon qatt ma kien rah lil dak ir-raġel, u ma tantx dam jaħseb fuqu għax fil-pront daħal il-qassis, Dun Ġwann, ħabib antik tan-nannu Salvu, u bdiet il-funzjoni.

Kif spiċċa l-funeral, Xon mar ikellem lil Marku u lil Riku. "Grazzi talli ġejtu, veru napprezza l-ħbiberija tagħkom," u waqt li qalilhom hekk għannaqhom it-tnejn li huma f'daqqa. Kienu